MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1411/1999/2

**Maltacom p.l.c.**
**Vs**
**Xara Palace Hotel Company Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** fejn gie premess illi skond ir-regolamenti u l-ligijiet vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telefons bejn is-socjeta' konvenuta u t-Telemalta Corporation, is-socjeta' konvenuta hija debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' tlett elef tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tletin centezmu (Lm3,355.30) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefons numri 454001 u 454002;

Premess illi minkejja li interpellata thallas l-ammont dovut is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; u

Premess illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta ma ghandiex eccezjonijiet x'taghti ghat-talba attrici;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 et sequentia tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' tlett elef mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tletin centezmu (Lm3,355.30); u

3. Tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef tlett mija u hamsa u hamsin lira maltin u tletin centezmu (Lm3,355.30) rapprezentanti kera, servizz u spejjez dovuti in konnessjoni mal-linja tat-telefons numri 45001 u 45002 ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' April, 1996 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-15 ta' April, 1996 kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Saviour Farrugia ghan-nom tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet** tas-socjeta' konvenuta a fol. 10 tal-process fejn eccepiet:

1. Il-preskrizzjoni tat-talbiet attrici a tenur tal-artikolu 2156 (d) u (f) tal-Kodici Civili;

2. Bla pregudizzju ghas-suespost l-illegittimita' tas-socjeta' konvenuta bhala kontradittrici tas-socjeta' attrici u dan stante li d-debitu in kwistjoni huwa dovut mis-socjeta' Arax Limited liema socjeta' kienet tiggestixxi il-Lukanda "Xara Palace" u ghal liema gestjoni tirreferi ruhha t-talba attrici;

3. Fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hi ezagerata u ma tirrizultax fil-fatt;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Legittimu kontradittur**

Fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu l-illegittimita' tas-socjeta' konvenuta bhala kontradittrici tas-socjeta' attrici u dan stante li d-debitu in kwistjoni huwa dovut mis-socjeta' Arax Limited liema socjeta' kienet tiggestixxi il-Lukanda "Xara Palace" u ghal liema gestjoni tirreferi ruhha t-talba attrici.

Illi l-konvenuti ghamlu referenza ghall-ittra ta' Dr. M. Demarco datata 12 ta' April, 1993 a fol. 20 fejn dan kien kiteb ghan nom tal-konvenuti li kien hemm ftehim bejn it-Telemalta u s-socjeta' Arax Limited li kienet topera l-lukanda Xara Palace fis-sena li Arax Ltd kienet responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet ghas-servizz telefoniku bin-numru 454001 u numri ohra.

Kemm Saviour Farrugia kif ukoll il P.L. Noel Scerri xehdu li ma kienet saret ebda talba ghal *transfer* tas-servizz ghal fuq Arax Ltd u l-konvenuti qatt ma kitbu lit-Telemalta qabel il-1993. Il-kontijiet imorru lura sal-1984. Il P.L. Scerri xehed li hu ma jafx minn fejn il-konvenuti gabu l-informazzjoni li kien hemm ftehim ma Arax Ltd billi mill-file ma rrizultalu xejn. It-Telemalta ma kienitx dahlet fi ftehim ma Arax Ltd u dejjem issemmiet Xara Palace Hotel Co Ltd fil-*file* u fil korrispondenza.

Illi t-Telephone Service Regulations 1972 u senjatament ir-regolament 32 (2) u (3) jipprovvdi li:

(2) *"Where owing to the change of ownership, lease, tenancy or occupation of any premises, such premises cease to be qualified as a subscriber's premises in respect of a particular person, such person shall notify the Chairman (tal-Korporazzjoni) in writing within seven days of such change, and the person who thereby enters into the ownership, lease, tenancy or occupation of the premises shall likewise, within the said period, notify in writing the Chairman who may either cause the installation to be removed or allow the said latter person to retain it against payment of the appropriate charges"*.

(3) "*If the provisions of para (2) of this regulation are not complied with, then, saving any other right or remedy competent to the Chairman, the subscriber and the new owner, lessee, tenant or occupier, as the case may be, shall be jointly and severally liable for any charges and for any other moneys that may be due for rentals, calls service and cost of any damage that may be due or may become due".*

Fil-1980 (ara ittra a fol. 18) il-konvenuti kienu kitbu lill atturi li *"we would like to state that the purpose of this letter (tat 30/6/80) was merely in connection with the provisional bills, as Xara Palace Hotel Company Ltd are still the owners of the hotel and therefore are to remain the registered subscribers on business grounds"*.

Illi ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda.

**Preskrizzjoni**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija dwar il-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur tal-artikolu 2156 (d) u (f) tal-Kodici Civili.

L-atturi ipprezentaw zewg kontijiet dokumenti a fol. 70 u 71. Il-kont fuq it-telephone 454001 a fol. 70 jmur lura ghall

1 ta' Settembru 1984 mentri l-kont a fol. 71 tat-telephone 454002 jmur lura ghal 1 ta' Lulju, 1989. Gew prezentati tlett ittri ufficjali li suppost interrompew il-preskrizzjoni. Dawn huma ittra ufficjali datata 24 ta' Gunju, 1991 Dok SF4 a fol. 54 fuq il-kont tat-telephone 454001 u notifikata fl-10 ta' Lulju 1991. Ittra ufficjali ohra mibghuta fis-27 ta' Ottubru 1997 Dok SF1 a fol. 42 fuq it-telephone numru 454001 u notifikata fl-14 ta' Novembru, 1997 u ittra ufficjali ohra bl-istess data izda fuq it-telephone 454002 notifikata fit-30 ta' Ottubru, 1997 - Dok SF5 fol. 63.

Il-kontijiet tat telephone 454001 huma kollha preskritti billi minn 1991 meta saret l-ewwel l-ittra ufficjali sal-1997 meta saret it-tieni l-ittra ufficjali, ghaddew aktar minn hames snin. Anke il-kontijiet tal-1992 huma preskritti billi l-ittra ufficjali tal-1997 giet notifikata fl-14 ta' Novembru, 1997 mentri l-kont kien sal perjodu 21 ta' Mejju, 1992.

Kwantu ghall kont tat-telephone 454002 dan ukoll huma preskritt billi l-ittra ufficjali giet notifikata fit-30 ta' Ottubru, 1997 mentri l-ahhar kont kien sal 21 ta' Mejju, 1992.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet attrici
bl-ispejjez kontra taghhom
hlief ghal dawk tat-tieni eccezzjoni li jithallsu mill-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------